A.L. 190 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Dazju ta' Importazzjoni għall-Ħażniet Kummerċjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 76 ta' l-Att ta'l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Importazzjoni għall-Ħażniet Kummerċjali).

Tifsir.

2. Kull espressjoni użata f'dawn ir-regolamenti għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, it-tifsir mogħti lillha fl-Att.

Applikazzjoni għall-ħlas lura.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, persuna li tiġġestixxi negozju f'Malta u li tkun persuna li applikat sabiex tiġi reġistrata skond u fil-limiti taż-żmien impost fil-Att, tista' tapplika għall-ħlas lura ta' dazju ta' importazzjoni f'ammont li jiġi stabbilit skond dawn ir-regolamenti.

(2) Applikazzjoni magħmula għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha ssir lill-Kummissarju sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 1995 fuq il-formola preskritta fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti fil-każ ta' applikazzjoni minn applikant li għalih jirreferi il-paragrafu (1) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti u fuq il-formola preskritta fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti fil-każ ta' applikazzjoni minn applikanti li għalih jirreferi il-paragrafu (1) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti jew fuq kull formola oħra kif jista' japprova l-Kummissarju u għandu jkun fiha it-tagħrif, dettalji u ċertifikazzjonijiet kollha, u jintehmżu magħha d-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti meħtieġa skond dik il-formola u dawn ir-regolamenti.

Dikjarazzjoni ta' ħażniet kummerċjali.

4. Għandha tintehemeż ma' l-applikazzjoni msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti dikjarazzjoni fejn jiġu elenkati dawk l-oġġetti li min japplika jkollu bħala ħażniet kummerċjali fil-31 ta' Diċembru, 1994, li tkun tindika n-nefqa li min japplika jkun għamel biex akkwista dawk l-oġġetti, u formulata bil-mod preskritt fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, oġġetti miżmuma bħala ħażniet kummerċjali minn applikant:

(a) għandhom jinkludu ħażniet kummerċjali li jkunu proprjetà ta' l-applikant u li jkunu qegħdin jinżammu b'kunsinna minn persuna oħra;

(b) bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (ċ) ta' dan ir-regolament, ma għandhomx jiġu inklużi ħażniet kummerċjali miżmuma b'kunsinna mill-applikant u li jkunu proprjetà ta' persuna oħra;

(ċ) għandhom jinkludu oġġetti miżmuma b'kunsinna mill-applikant jekk ikunu jagħmlu parti minn ħażniet kummerċjali proprjetà ta' persuna li ma jkollhiex post ta' negozju f'Malta u jekk l-oġġetti jkunu oġġetti importati li fuqhom l-applikant ikun ħallas dazju ta' importazzjoni.

Skema għall-bejjiegħa bl-imnut żgħar.

5. (1) Meta min japplika jkun bejjiegħ bl-imnut u meta l-għadd totali tan-nefqiet indikati fuq id-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti ma tkunx ta' iktar minn tletin elf lira —

(a) dik id-dikjarazzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti; u

(b) bla ħsara għall-limitazzjoni preskritta fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlas lura li għandu jintalab fl-applikazzjoni għandu jkun l-ammont komputat billi timmoltiplika it-total tan-nefqa tal-ħażniet kummerċjali rapportati f'dik id-dikjarazzjoni bir-rata (hawnhekk iżjed il quddiem f'dan ir-regolament imsejjaħ "ir-rata ta' ħlas lura") speċifikata f'avviż li jiġi pubblikat fil-Gazzetta skond il-kategorija tan-negozju ta' l-applikant:

Iżda meta n-negozju ta' l-applikant ma jaqax taħt waħda mill-imsemmija kategoriji jew jaqa' taħt iżjed minn kategorija waħda, ir-rata tal-ħlas lura għandha tkun ir-rata applikabbli għal dik il-kategorija ta' negozju elenkata fl-imsemmi avviż li t-tifsira tagħha tkun l-eqreb għan-negozju ta' l-applikant.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar kull uffiċċjal pubbliku u kull *certified public accountant* biex jgħin jagħmel elenku tal-kategorija ta' negozju u tar-rati applikabbli tal-ħlas lura u biex iġib l-informazzjoni meħtieġa u biex jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji u kull persuna hekk maħtura għandha, fil-qadi tal-funzjonijiet imsemmija u bla ħsara għal xi limitazzjoni imsemmija fil-ħatra, tkun ittrattata għall-għanijiet kollha ta' l-Att u ta' xi liġi oħra li għandha s-setgħat vestiti fil-Kummissarju, eskluż is-setgħat moghtija bis-saħħa ta' l-artikolu 42 ta' l-Att, u bla ħsara għall-obbligazzjonijiet imposti fuq il-Kummissarju bl-Att.

Skema prinċipali.

6. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw għal applikazzjoni magħmula minn applikant li ma tkunx persuna li għaliha japplika r-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandha ssir fuq il-formola preskritta fir-Raba' Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti u għandha tinqasam f'żewġ partijiet:

(a) l-ewwel parti li tkun telenka l-oġġetti li kienu importati ġewwa Malta li fuqhom ikun tħallas dazju ta' importazzjoni, eskluži xi oġġetti li kienu użati fl-assemblaġġ, produzzjoni jew manifattura ta' oġġetti f'Malta jew li kienu b'mod ieħor miżmuma fi stat ieħor barra minn dak li fih kienu ġew importati; u

(b) it-tieni parti li tkun telenka oġġetti oħra;

(3) L-oġġetti li jinsabu elenkati fl-ewwel parti ta' dik id-dikjarazzjoni għandhom ikunu analizzati fid-diversi kategoriji ta' partiti speċifikati fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda f'kull każ fejn oġġett mhux imsemmi espressament f'xi waħda mill-imsemmija kategoriji, dak l-oġġett jitqies li jkun jaqa' taħt dik il-kategorija li l-Kummissarju jista' jidhirlu xieraq.

(4) L-ewwel parti ta' dik id-dikjarazzjoni għandha tiddistingwi bejn oġġetti importati mill-applikant u oġġetti oħra u, fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jiġu indikati l-persuni li mingħandhom l-applikant ikun akkwista l-oġġetti.

(5) Bla ħsara għal limitazzjoni preskritta bir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlas lura li għandu jintalab fl-applikazzjoni għandu jkun: is-somma ta' l-ammonti komputati billi timmoltiplika n-nefqa ta' kull kategorija ta' oġġetti mniżżla fl-ewwel parti ta' l-imsemmija dikjarazzjoni bir-rata li tkun tgħodd għal dik il-kategorija skond il-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, iżda fejn l-oġġetti mniżżla fl-imsemmija l-ewwel parti ta' din id-dikjarazzjoni jkunu kollha kemm huma oġġetti li, meta kienu ġew importati, kienu soġġetti għar-rata ta' dazju ta' importazzjoni bir-rata speċifikata taħt l-intestatura 'Ġenerali' fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' tat-Tariffa tad-Dwana, il-ħlas lura li għandu jintalab għandu jkun id-dazju attwali mħallas meta l-imsemmija oġġetti jkunu ġew importati imnaqqas bl-ammont ta' dazju li kellu jitħallas li kieku l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati fl-1 ta' Jannar, 1995 jew wara dik id-data, immoltiplikat b'mija u diviż b'mija miżjud bir-rata ta' dazju attwalment imħallsa, tan-nefqa ta' dawk l-oġġetti.

Limitazzjoni ta' ammont li jista' jintalab bi ħlas lura.

7. (1) Meta n-nefqa totali (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan ir-regolament imsejjħa "in-nefqa mitluba") ta' l-oġġetti rapportati minn min japplika fid-dikjarazzjoni msemmija fir-regolamenti ta' qabel tkun ta' iktar minn ħmistax fil-mija tan-nefqa totali (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan ir-regolament imsejjħa "in-nefqa tat-taxxa fuq l-*income*") tal-ħażniet kummerċjali kif rapportat fi jew flimkien ma' l-aħħar denunzja ta' dħul mibgħuta sal-31 ta' Ottubru, 1994, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għall-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u, fejn japplika, l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, in-nefqiet li b'referenza għalihom ir-rata ta' ħlas lura għandha tiġi komputata u mitluba għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitnaqqsu bil-proporzjon li mija u ħmistax fil-mija tan-nefqa tat-taxxa fuq l-*income* ikollha għar-rigward tan-nefqa mitluba.

Att Nru. XVII ta' l-1994.

(2) Meta min japplika ma jkunx, sal-31 ta' Ottubru, 1994, irrapporta n-nefqa tal-ħażniet kummerċjali tiegħu għal xi sena finanzjarja lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ma jista' jintalab ebda ħlas lura taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma għandhomx ikunu jgħoddu meta applikazzjoni tkun tirreferi għal negozju li l-ewwel sena finanzjarja tiegħu tkun intemmet jew tintemm f'data li tiġi wara l-31 ta' Diċembru, 1993.

(4) Il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandux ikun jgħodd meta l-applikant iġib prova għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju li matul sena finanzjarja li tiġi wara dik li dwarha tirreferi l-imsemmija aħħar denunzja, ikun akkwista ħażniet kummerċjali għal għan ta' xi ftuħ ġdid ta' negozju jew għall-għoti ta' bidu ta' linja ġdida ta' negozju b'nefqa li tkun għall-anqas daqsinsew l-eċċess tan-nefqa mitluba fuq mija u ħmistax fil-mija tan-nefqa tat-taxxa fuq l-*income*.

Firem u ċertifikazzjonijiet.

8. (1) Kull applikazzjoni u kull dikjarazzjoni meħmuża ma' applikazzjoni għandhom ikunu ffirmati, fuq kull paġna tagħhom, mill-persuna reġistrata, jew, fil-każ ta' korp ta' persuni, mill-uffiċjali prinċipali ta' dak il-korp ta' persuni u mill-persuna responsabbli għall-konteġġi tan-negozju ta' min japplika.

(2) Meta l-ammont mitlub bi ħlas lura fl-applikazzjoni jkun ta' iktar minn ħamest elef lira, id-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ċertifikata minn *certified public accountant* u awditur skond kif speċifikat fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Awtorizzazzjoni ta' min japplika lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

9. Għandha tintehmeż ma' kull applikazzjoni, awtorizzazzjoni li tkun iffirmata minn min japplika li biha jagħti s-setgħa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li jagħti kull tagħrif li jkollu li għandu x'jaqsam ma' kull tagħrif dikjarat jew li jkun meħtieġ li jkun dikjarat mill-applikant għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jista' jitlob bil-għan ta' verifika ta' l-imsemmi tagħrif.

Notifika li applikazzjoni tkun ġiet riċevuta.

10. Malli jirċievi applikazzjoni mimlija kif suppost skond dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju għandu joħroġ avviż lill-applikant li fih juri d-data (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "id-data ta' l-applikazzjoni") meta l-Kummissarju jkun irċieva l-applikazzjoni, l-ammont mitlub bħala ħlas lura u t-tqassim ta' l-imsemmi ammont fit-tliet porzjonijiet imsemmija fir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti.

Ħlas lura.

11. Bla ħsara għar-regolamenti 13 u 14 ta' dawn ir-regolamenti, l-ammont mitlub bħala ħlas lura minn applikant li jkun irċieva l-avviż imsemmi fir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti għandu jitħallas mill-Kummissarju kif jidher hawn taħt:

(a) għoxrin fil-mija ta' l-ammont mitlub bħala ħlas lura għandu jitħallas mill-Kummissarju għan-nom ta' l-applikant lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u għandu jitqies għall-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa kif jidher hawn taħt:

(i) l-imsemmi pagament għandu jitqies bħala pagament ta' arretrati ta' taxxa fuq l-*income* dovuta mill-applikant fid-data ta' dak il-pagament;

(ii) fejn ma hemmx arretrati ta' taxxa fuq l-*income* dovuti mill-applikant fl-imsemmija data jew sa fejn l-imsemmi pagament ikun iżjed minn dawk l-arretrati, il-pagament għandu jitqies bħala pagament ta' taxxa provviżorja akkont ta' l-applikant;

(b) ħamsin fil-mija ta' l-ammont mitlub bħala ħlas lura għandu jitħallas lill-applikant fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-applikazzjoni;

(ċ) tletin fil-mija ta' l-ammont mitlub bħala ħlas lura għandu jitħallas lill-applikant sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 1996.

Verifika.

12. Il-Kummissarju jista' jitlob lil kull min japplika li jagħti dak it-tagħrif jew dawk il-kjarifiki u li jġib dawk id-dokumenti ta' importazzjoni, fatturi ta' xiri, konteġġi u *records* oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-ħażniet kummerċjali ta' dik il-persuna, u jista' jagħmel dawk l-investigazzjonijiet, hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex jiddeċiedi u jivverifika kemm ikun jew ma jkunx korrett l-ammont dovut jew imħallas bi ħlas lura lil dik il-persuna li tkun applikat skond dawn ir-regolamenti.

Reviżjoni tal-ħlas lura.

13. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, meta jirriżulta lill-Kummissarju f'kull żmien li xi ammont mitlub bi ħlas lura jew li jitħallas mill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti ma jkunx ġie komputat sew jew ikun ġie komputat fuq bażi ta' tagħrif mhux korrett, il-Kummissarju jista' jirrevedi l-ammont u, bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, kull ammont li jirriżulta li jkun tħallas żejjed mill-Kummissarju għandu jerġa' jitħallas minn dik il-persuna li tkun applikat lill-Kummissarju fi żmien tletin jum mid-data meta jingħata avviż mill-Kummissarju li bih jitlob li jsir dak il-ħlas lura.

(2) Meta r-reviżjoni ssir minħabba f'tagħrif li jirriżulta li ma jkunx twassal sew, it-talba relattiva għall-ħlas lura għandha titqies bħala li tkun saret ħażin, u ebda ħlas lura ma jingħata lil dik il-persuna, u kull ammont imħallas mill-Kummissarju għandu jitħallas kollu lura mill-applikant lill-Kummissarju mill-aktar fis u fuq talba tal-Kummissarju.

(3) Kull persuna li tiffirma jew tiċċertifika xi applikazzjoni li tirriżulta li tkun invalida skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament għandha tkun responsabbli solidalment mal-persuna li tkun applikat għal dak il-ħlas lura li għandu jsir mill-applikant, sakemm dik il-persuna tipprova illi ma kenitx taf u ma setgħatx tkun raġonevolment mistennija li tkun taf b'dak it-tagħrif li jkun irriżulta li ma jkunx twassal sew.

(4) Meta xi dikjarazzjoni jew talba li tkun falza jew mhix korretta tikkostitwixxi reat skond l-Att jew xi liġi oħra, l-obbligu tal-ħlas lura skond dan ir-regolament għandu jkun bla preġudizzju għal kull piena li tista' titwaħħal għal dak ir-reat.

Tnaqqis fil-prezzijiet.

14. Applikazzjoni għal ħlas lura skond dawn ir-regolamenti għandha ssir bil-kondizzjoni li l-persuna li tapplika għandha tagħmel tnaqqis fil-prezzijiet, li jkun proporzjonalment daqsinsew ta' dak il-ħlas lura, xort'oħra minnu mitlub fl-1 jew wara l-1 ta' Jannar, 1995, għall-bejgħ ta' oġġetti li dwarhom ikun intalab il-ħlas lura u n-nuqqas minn persuna li tapplika li tagħmel dak it-tnaqqis għandu jagħmel nulla l-applikazzjoni u kull ammont imħallas mill-Kummissarju skond l-imsemmija applikazzjoni għandu jitħallas lura kollu u minnufih mill-applikant lill-Kummissarju fuq talba tal-Kummissarju.

Jirrevoka l-A.L. 164 ta' l-1994.

15. Ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Dazju ta' Importazzjoni għall-Ħażniet Kummerċjali), qegħdin b'dawn ir-regolamenti jiġu revokati.

L-EWWEL SKEDA

Applikazzjoni għall-ħlas lura ta' dazju ta' importazzjoni fuq ħażniet kummerċjali miżmuma fil-31 ta' Diċembru 1994

Regolament 3

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point, Ta' Paris Road, Birkirkara, BKR 13

Value Added Tax (Refund of Import Duty)

SMALL RETAILER REFUND SCHEME

Applicant's Details

Full Name and Address of Company/Retailer:

Type of Business Activity (eg. grocer, ironmonger):

VAT Reg. No:
Contact person:
Designation:
Telephone No:
FAX No.:
Inland Revenue No.:
Customs Import No.:

Stock Summary

Stock Particulars	Cost as at 31 December 1994	Applicable Rate	Amount to be Refunded
Imported Goods			
Other Goods			
TOTAL:			

Income Tax Summary Information

Financial Year Ending	Turnover	Closing Stock Cost	Gross Profit		Net Profit	
			Cost	%	Cost	%
1993						
1994						

Declaration by Owner/Director/Secretary

I declare that the above information is true and correct, and that a reduction in the prices according to the regulations will be charged by my establishment, as result of this claim. I authorise the Commissioner of Inland Revenue to furnish any information in his possession relating to the information declared or required for the purposes of this claim to the Commissioner of Value Added Tax.

Signature: _____

Name: _____

Designation:

Date: / /

Declaration by Certified Accountant/Auditor

Having made all reasonable verifications I/we certify that to the best of my/our knowledge and belief the application has been made and drawn up in accordance with the Value Added Tax (Refund of Import Duty on Trading Stock) Regulations, 1994 and the information contained in the application and in the accompanying statements is correct.

Signature: _____

Name: _____

Designation:

Date: / / Warrant No:

Office Use Only

Physical Check Carried Out	Yes / No	Supporting Documents Required	Yes / No	Further Information Required	Yes / No
IR Verification Confirmed	Yes / No	Customs Department Verification Requested	Yes / No	Application	Accepted / Rejected

Signature: _____ Designation: Date: / /

Name:

MINISTRY OF FINANCE (ST./RF01)

IT-TIENI SKEDA

Applikazzjoni għall-ħlas lura ta' dazju ta' importazzjoni fuq ħażniet kummerċjali miżmuma fil-31 ta' Diċembru 1994

Regolament 3

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point, Ta' Paris Road, Birkirkara, BKR 13

Value Added Tax (Refund of Import Duty)

MAIN STOCK REFUND SCHEME

Applicant's Details

Full Name and Address of Company:

Main commodity traded (eg. Foodstuffs):

Business: Wholesaler ☐ Importer ☐ Retailer ☐

VAT Reg. No:
Contact person:
Designation:
Telephone No:
FAX No.:
Inland Revenue No.:
Customs Import No.:

Summary of Cost on Stock Sheets

Page	Stock Cost	Refund	Page	Stock Cost	Refund	Page	Stock Cost	Refund	Page	Stock Cost	Refund

Total Stock Cost: ☐ Total Refund: ☐

Income Tax Summary Information

Financial Year Ending	Turnover	Closing Stock Cost	Gross Profit Cost	Gross Profit %	Net Profit Cost	Net Profit %
1993						
1994						

Declaration by Owner/Director/Secretary

I declare that the above information is true and correct, and that a reduction in the prices according to the regulations will be charged by my establishment, as result of this claim. I authorise the Commissioner of Inland Revenue to furnish any information in his possession relating to the information declared or required for the purposes of this claim to the Commissioner of Value Added Tax.

Signature: _____

Name: _____

Designation:

Date: / /

Declaration by Certified Accountant/Auditor

Having made all reasonable verifications I/we certify that to the best of my/our knowledge and belief the application has been made and drawn up in accordance with the Value Added Tax (Refund of Import Duty on Trading Stock) Regulations, 1994 and the information contained in the application and in the accompanying statements is correct.

Signature: _____

Name: _____

Designation:

Date: / / Warrant No:

Office Use Only

Physical Check Carried Out: Yes ☐ No ☐

Supporting Documents Required: Yes ☐ No ☐

Further Information Required: Yes ☐ No ☐

IR Verification Confirmed: Yes ☐ No ☐

Customs Department Verification Requested: Yes ☐ No ☐

Application: Accepted ☐ Rejected ☐

Signature: _____ Designation: Date: / /

Name:

IT-TIELET SKEDA

Dikjarazzjoni għall-bejjiegħa bl-imnut żagħar

Regolament 5(i)(a)

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point, Ta' Paris Road, Birkirkara, BKR 13

Value Added Tax (Refund of Import Duty)
SMALL RETAILER REFUND SCHEME
Stock Refund Claim Detail Form

Trader	Supplier
VAT Reg. No:	VAT Reg. No:
Full Name and Address:	Full Name and Address:

Stock Details As At 31 December 1994: Imported Goods/Other Goods (Delete if not applicable)

Description	Size	Quantity	Cost

Page of

TOTAL ON THIS PAGE

Office Use Only

Totals Checked Yes / No

Signature: ______________________ Date: / /

Name: Designation:

IR-RABA' SKEDA

Dikjarazzjoni għall-iskema prinċipali

Regolament 6(2)

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point, Ta' Paris Road, Birkirkara, BKR 13

Value Added Tax (Refund of Import Duty)
MAIN STOCK REFUND SCHEME
Stock Refund Claim Detail Form

Trader	Supplier
VAT Reg. No:	VAT Reg. No:
Full Name and Address:	Full Name and Address:

Stock Details As At 31 December 1994				Refund Rate	Refund Value
Description	Size	Quantity	Cost		

Page of

TOTAL ON THIS PAGE

Office Use Only

Totals Checked Yes / No

Signature: ____________________

Date: / /

Name:

Designation:

MINISTRY OF FINANCE (ST/RF04)

IL-ĦAMES SKEDA

Regolament 6(3)

Rata ta' ħlas lura fuq dazju ta' importazzjoni imħallas fuq ħażniet kummerċjali miżmuma fil-31 ta' Diċembru, 1994

Kategorija A: Rata ta' ħlas lura: 3.57%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 3% u 6.5% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Frott imnixxef
Kafe instant
Tapes irrekordjati
Fibreboard
Panewijiet ta' fibra vegetali
Nixxiefa preparati
Għodda ta' l-idejn

Kategorija B: Rata ta' ħlas lura: 9.50%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 8% u 12% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Panewijiet ta' ġibs
Ħut preparat/preservat
Krostaċej/molluski preparati/preservati
Dqiq
Komputers (tat-tip 'single user')
Prodotti farmaċewtiċi
Sopop u brodi
Komputers (tat-tip 'multi user')
Peripherals

Kategorija C: Rata ta' ħlas lura: 12.43%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 13% u 15% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Lamti (għall-bejgħ bl-imnut)
Deodorisers tal-kmamar
Żebgħat u verniċi
Artikli ta' iġjene dentali
Foam u *gel* tal-leħja
Kolla (għall-bejgħ bl-imnut)
Insettiċidi etc. (għall-bejgħ bl-imnut)
Polystyrene expanded
Carbon paper
Oġġetti domestiċi taċ-ċeramika
Oġġetti domestiċi tal-ħġieġ
Fittings tat-tubi u pajpijiet tal-ħadid jew azzar
Montaturi ta' metall bażi għall-għamara
Nuċċalijiet, *goggles* u *frames* tagħhom
Strumenti tal-kejl (tat-tip tad-dar)

Fittings ta' materjal iżolatur għall-apparat elettriku
Krustaċej/molluski (ħajjin, friski)
Frott ippreparat (mhux f'reċipjenti li fihom ma tidħolx arja)
Preparati ta' l-ikel għall-annimali
Ħjut (għall-bejgħ bl-imnut)
Oġġetti ta' asbestos siment
Materjal għall-frizzjoni
Madum taċ-ċeramika
Folji u blokki tal-ħġieġ
Tubi tal-lastiku
Tubi u pajpijiet ta' ħadid/azzar
Strutturi ta' metalli bażi
Ktajjen ta' metalli bażi
Kompressuri (tat-tip tad-djar)
Makni ta' uffiċji
Ribbons tat-typewriters
Oġġetti meħtieġa għal sports ta' barra
Strumenti matematiċi
Prams u pushchairs
Muturi u *transformers* elettriċi
Jams u marmellati
Ħxejjex li jittieklu f'forma preparata
Xirobb artifiċjali (għall-bejgħ bl-imnut)
Ħwejjeġ ta' taħt
Envelopes
Travi
Mgħaref u frieket
Xfafar tar-*razors*
Pompi għal-likwidi
Valvoli
Sparking plugs
Lapsijiet
Timbri tad-dati
Linka tal-kitba
Żjut essenzjali
Sapun għall-użu tat-twaletta
Speċi
Preparati ta' l-ikel
Għaġin mimli
Zlazi
Pastes u *pates*
Xibka (ta' metall bażi)
Għasel artifiċjali, *caramel* (għall-bejgħ bl-imnut)
Sillerija u arness ta' l-annimali
Apparat għall-gym

Kategorija D: Rata ta' ħlas lura: 14.53%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 16% u 16.2% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Typewriters
Word processors
Drappijiet
Cameras tal-fotografija
Ġugarelli

Kategorija E: Rata ta' ħlas lura: 19.61%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 23% u 25% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Frott preservat f'reċipjenti li ma tidħolx arja
Snacks li fihom il-kawkaw
Kimika u film tal-fotografija
Oġġetti oħra tal-plastika
Oġġetti oħra tal-ġilda
Oġġetti oħra tal-karti
Oġġetti oħra tal-ħġieġ
Oġġetti tad-dar magħmulin mill-ħadid/azzar
Oġġetti sanitarji magħmulin mill-ħadid/azzar
Oġġetti oħra ta' metalli bażi
Batteriji u *accumulators*
Apparati elettriċi tad-djar
Termometri u barometri
Cabinets tad-dar (mhux wisa iktar minn 75cms)
Settijiet tad-dwal (tas-siġar tal-Milied)
Dekorazzjonijiet tal-Karnival/Milied
Montaturi tad-dwal tal-plastika, ġilda, karta jew drapp
Ħelu
Ħelu taċ-ċikkulata
Żejt ta' lubrifikanti
Oġġetti oħra tal-lastiku
Oġġetti tas-sufra
Bjankerija tas-sodda/mejda
Purtieri lesti
Injam mudellat
Strutturi ta' l-alluminju
Skieken u mqassijiet
Magni għall-bejgħ ta' l-affarijiet
Apparat telefoniku
Apparat għan-nifs
Strumenti mużikali
Pettnijiet, *hair slides* u oġġetti simili
Ġelati
Stokk
Logħob
Shampoo
Tyres
Karti ta' mal-ħajt
Kutri
Tined
White goods
Burglar alarms
Roti
Xkupilji
Buttuni
Pinen tat-tip *ball-point*
Pinen tal-linka
Lostri

Kategorija F: Rata ta' ħlas lura: 23.49%

(Eskludi oġġetti li jaqaw taħt il-kategorija G)
(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 30% u 35% (iż-żewġ rati nklużi))

Eżempji:

Air-conditioners taħt is-6 K.W.
Oġġetti ta' l-ivvjaġġar
Oġġetti tal-qasab u xogħol tal-qfief
Ornamenti tal-ġibs
Oġġetti oħra taċ-ċeramika
Tapes magnetiċi (mhux irrekordjati)
Preparati tal-ħasil
Oġġetti oħra ta' l-injam
Motifs tar-rakkmu
Fjuri artifiċjali
*Compact discs**
Diski tal-*gramaphone*
Tabelli tal-karti
Ħwejjeġ ta' fuq
Xedd tar-ras
Umbrelel
Parrokki
Mirja
Diski magnetiċi (mhux irrekordjati)
Apparat fotografiku ta' l-ikkupjar
Montaturi tad-dawl magħmulin mill-qasab
Record players
Cassette players/recorders
Apparat tar-riċezzjoni għax-xandir bir-radju
Slide projectors
Pipi
Loudspeakers
Amplifiers
Video players/recorders
Cameras tat-televiżjoni
Xkupi
Għaġin
Microphones
Xedd is-saqajn
Cordless telephones

* ma jinkludux dawk li fihom *operating systems/application software*.

Kategorija G: Rata ta' ħlas lura:

Fil-każ ta' oġġetti li, meta kienu ġew importati, kienu soġġetti għar-rata ta' dazju ta' importazzjoni bir-rata speċifikata taħt l-intestatura 'E.E.C.' fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' tat-Tariffa tad-Dwana, il-ħlas lura li għandu jintalab għandu jkun id-dazju attwali mħallas meta l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati moltiplikat b'mija u diviż b'mija miżjud bir-rata ta' dazju attwalment imħallsa, tan-nefqa ta' dawk l-oġġetti.

Fil-każ ta' oġġetti li, meta kienu ġew importati, kienu soġġetti għar-rata ta' dazju ta' importazzjoni bir-rata speċifikata taħt l-intestatura 'Generali' fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' tat-Tariffa tad-Dwana, il-ħlas lura li għandu jintalab għandu jkun id-dazju

attwali mħallas meta l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati, imnaqqas bl-ammont ta' dazju li kellu jitħallas li kieku l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati fl-1 ta' Jannar, 1995 jew wara dik id-data, moltiplikat b'mija u diviż b'mija miżjud bir-rata ta' dazju attwalment imħallsa, tan-nefqa ta' dawk l-oġġetti.

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja applikabbli hija ta' 30%)

Partijiet u makni għall-vetturi u biċċiet tal-baħar

Kategorija H: Rata ta' ħlas lura: 28.42%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju ta' l-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 37% u 40% (iż-żewġ rati inklużi))

Eżempji:

Electrolyte replacement drinks
Xorb b'bażi ta' tè, kafè jew mate
Imitazzjonijiet ta' ġojjellerija
Ornamenti magħmulin minn metall bażi
Arloġġi ta' l-idejn u arloġġi oħra
Tapiti
Ornamenti tal-injam

Kategorija I: Rata ta' ħlas lura:

Fil-każ ta' oġġetti li, meta kienu ġew importati, kienu soġġetti għar-rata ta' dazju ta' importazzjoni bir-rata speċifikata taħt l-intestatura 'E.E.C.' fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' tat-Tariffa tad-Dwana, il-ħlas lura li għandu jintalab għandu jkun id-dazju attwali mħallas meta l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati moltiplikat b'mija u diviż b'mija miżjud bir-rata ta' dazju attwalment imħallsa, tan-nefqa ta' dawk l-oġġetti.

Fil-każ ta' oġġetti li, meta kienu ġew importati, kienu soġġetti għar-rata ta' dazju ta' importazzjoni bir-rata speċifikata taħt l-intestatura 'Generali' fil-kolonna 'Rata ta' Dazju' tat-Tariffa tad-Dwana, il-ħlas lura li għandu jintalab għandu jkun id-dazju attwali mħallas meta l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati, imnaqqas bl-ammont ta' dazju li kellu jitħallas li kieku l-imsemmija oġġetti kienu ġew importati fl-1 ta' Jannar, 1995 jew wara dik id-data, moltiplikat b'mija u diviż b'mija miżjud bir-rata ta' dazju attwalment imħallsa, tan-nefqa ta' dawk l-oġġetti.

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju tal-Unjoni Ewropeja applikabbli hija ta' 45%)

Eżempji:

Integrated circuits
Transistors

Kategorija J: Rata ta' ħlas lura: 37.89%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju ta' l-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 58.5% u 60% (iż-żewġ rati inkdluži))

Eżempji:

Oġġetti ornamentali magħmulin mill-ġebel
Oġġetti ornamentali magħmulin miċ-ċeramika
Lampi u fittings tad-dawl tal-ħġieġ, metal
Ħġieġ għat-tiżjien
Għamara
Kristall taċ-ċomb

Kategorija K: Rata ta' ħlas lura: 40.86%

(Oġġetti li fuqhom ir-rata ta' dazju ta' l-Unjoni Ewropeja tvarja bejn 65% u 70% (iż-żewġ rati inkdlużi))

Eżempji:

Armi tan-nar
Oġġetti tal-fidda
Oġġetti tad-deheb
Kosmetiċi
Preparati tat-twaletta *(toilet preperations)*
Settijiet tat-televiżjoni

Kategorija L: Rata ta' ħlas lura li tiġi kalkolata skond id-dazju fil-fatt imħallas wara li jitnaqqas minnu xi dazji u/jew *levies* addizzjonali li jkunu dovuti fil-1995 fejn japplika, bil-kundizzjoni li jintbagħtu lil Kummissarju fatturi ttimbrati mid-Dwana, u kull evidenza ta' dokumenti li jista' jidhirlu xieraa.

(Oġġetti li fuqhom jitħallas id-dazju skond il-piż)

Eżempji:

Ħalib/krema (likwidi li ma fihomx zokkor miżjud)
Ħalib ieħor/krema (likwidi)
Tabakk mhux maħdum (għall-użu industrijali)
Tabakk mhux maħdum ieħor

Tabakk maħdum ieħor:—
Tabakk għall-pipi
Għall-produzzjoni industrijali tas-sigaretti
Għall-produzzjoni industrijali tas-sigarri
Tabakk tal-magħda u *snuff*

Sigarri, *cheroots, cigarillos*:—
Cheroots u tat-tip toscana
Sigarri u cigarillos oħra

Sigaretti (impurtati)

Siment *portland*:—
Abjad
Siment *portland* ieħor

Kategorija M: Rata ta' ħlas lura li tiġi kalkolata skond id-dazju fil-fatt imħallas wara li jitnaqqas minnu xi dazji u/jew *levies* addizzjonali li jkunu dovuti fil-1995 fejn japplika, bil-kundizzjoni li jintbagħtu lil Kummissarju fatturi ttimbrati mid-Dwana, u kull evidenza ta' dokumenti li jista' jidhirlu xierqa.

(Oġġetti li fuqhom jitħallas id-dazju skond il-volum)

Eżempji:

Birra:—
Fil-fliexken jew laned

Birra oħra

Nbid
Spumanti
Still (f'kontenituri ta' żewġ litri jew inqas)
Still (ieħor)
Vermouth (f'kontenituri ta' żewġ litri jew inqas)
Vermouth ieħor
Whisky, rum, gin, likuri

Kategorija N: Rata ta' ħlas lura li tiġi kalkolata skond id-dazju fil-fatt imħallas wara li jitnaqqas minnu xi dazji u/jew *levies* addizzjonali li jkunu dovuti fil-1995 fejn japplika, bil-kundizzjoni li jintbagħtu lil Kummissarju fatturi ttimbrati mid-Dwana, u kull evidenza ta' dokumenti li jista' jidhirlu xierqa.

(Oġġetti li fuqhom ir-rati ta' dazju ta' oġġetti sew mill-Unjoni Ewropeja kif ukoll minn barra l-Unjoni Ewropeja huma l-istess)

Eżempji:

Butir
Gallettini, *cakes* u pastiċċerija
Plywood
Lighters